# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 6/2015/VG**

**Victor VELLA**

**vs**

**Paul APAP**

**It-Tribunal,**

Ra' **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-20 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' hames mija tnejn u erbghin euro u tmenin centezmi ta' euro [€542.80c][1] u dan wara li ppremetta hekk:

> "1) Illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur ghas-somma ta' disa mija u wiehed u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€971.80) in kwantu hames mija u tnejn u erbghin Ewro u tmenin centezmu (€542.80) ghal tiswijiet ohra fuq l-istess vettura li saru fuq inkarigu tal-intimat stess (VAT inkluza) wara li kien involut

[1] Ara n-nota ta' riduzzjoni mressqa fis-16 ta' Settembru, 2015 a fol. 15 tal-process

f'kollizzjoni u kwantu ghal erba' mija u disgha u ghoxrin Ewro (€429) rapprezentanti tiswijiet fuq vettura Toyota li ma gietx koperta bl-assigurazzjoni.

2) Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lil attur is-somma ta' disa mija u wiehed u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€971.80) kif fuq dovuti.

Bl-imghaxijiet relattivi mid-data ta-tlestija sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Lulju 2014.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni".

**Ra' r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fis-6 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-hlas li kien dovut lill-attur ghat-tiswijiet fuq il-vettura li gew kagunati bil-habta mat-terz, dan xi [recte: gie] saldat mill-kumpanija assikurattrici tat-terz billi l-hlas sar direttament lill-attur;

2. Fi kwalunkwe kaz l-ammont pretis illum jinsab preskritt fit-termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16;

3. Illi a rigward il-hlas pretis mill-attur ghal xoghol iehor li sar fuq il-vettura, ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha, u sar hazin kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

4. Fi kwalunkwe kaz t-talba ghall-hlas tinsab ukoll preskritta fit-termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt"

Ra' l-verbal datat 15 ta' Dicembru, 2015 fejn l-intimat qajjem eccezzjoni ulterjuri dwar l-intempestivita tal-azzjoni attrici stante li l-bilanc tal-prezz tax-xoghol li tieghu l-attur qed jitlob il-hlas baqa ma giex ezegwit b'mod shih u ghaldaqstant l-appalt moghti ma kienx wiehed kompletat.

Ra' l-verbal tal-15 ta' Jannar, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra' d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra' l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti originarjament talab il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' disa' mija wiehed u sebghin euro u tmenin centezmi ta' euro (€971.80) liema ammont huwa maqsum hekk:

i) €542.80 ghal tiswijiet ohra fuq l-istess vettura li saru fuq inkarigu tal-intimat stess (VAT inkluza) wara li kien involut f'kollizzjoni;

ii) €429 rapprezentanti tiswijiet fuq vettura Toyota li ma gietx koperta bl-assigurazzjoni;

Sussegwentement fis-16 ta' Settembru, 2015 ir-rikorrenti ressaq nota li biha irriduca l-ammont minnu pretiz fil-bidu ta' dawn il-proceduri (fol. 15) ghal

ammont ta' €542.80c rappresentanti xoghol ta' "*labor u spray*" fuq it-Toyota Starlet bil-pjanca ta' registrazzjoni JBG-147.

2. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li l-hlas li kien dovut lir-rikorrenti ghat-tiswijiet fuq il-vettura li gew kagunati bil-habta mat-terz gie saldat mill-kumpanija assikurattrici tat-terz billi l-hlas sar direttament lill-istess rikorrenti. Qal ukoll li ghar-rigward il-hlas pretis mir-rikorrenti ghal xoghol iehor li sar fuq il-vettura, ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha, u sar hazin kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza. Fi kwalunkwe kaz, kompla jghid l-intimat, iz-zewg ammonti pretizi huma perenti ai termini ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16.

   Ikkunsidra;

3. Mill-atti tal-kawza jirrizulta s-segwenti:

   i. **Ir-rikorrenti** qal li huwa *panel beater* u *sprayer* u li l-intimat, li kien involut f'incident awtomobilistiku kien qallu li riedu jaghmillu xi xogholijiet ta' riparazzjoni fuq din l-istess vettura tat-tip Toyota. L-intimat kien cempel lis-surveyor u dan iltaqa mieghu. Qal "*dawn iltaqghu fit-triq – suppost jigi jaraha l-garaxx is-surveyor*" (fol. 18). Qal li imbaghad meta l-vettura ingiebet ghandu, wara li kien raha s-*surveyor*, huwa kien zarmaha u sab xi affarijiet miksurin. Mar is-*surveyor* ghandu u qallu sabiex imexxi bir-riparazzjonijiet. Hekk fil-fatt gara. Sussegwentement, l-intimat kien talbu sabiex jizboghlu l-vettura "*minn nofsha lura u nohrog id-differenza*" (fol. 19). Qal ukoll, wara li ra' d-dokument immarkat bhala dok. RT1 (fol. 16) li "*jiena ghax-xoghol ta' idejja u l-ispray tal-karozza qieghed nitlob l-ammont ta' erba' mija u sittin ewro (€460) flimkien mal-VAT fl-ammont ta' tnejn u tmenin ewro u tmenin centezmu (€82.80c). B'hekk l-ammont ta' hames mija tnejn u erbghin ewro u tmenin centezmu (€542.80c) dan huwa l-ammont minni reklamat f'*dawn *il-proceduri. B'hekk jiena*

*kulma qiegħed nitlob mingħand l-intimat huwa, għax-xogħol ta' idejja, tal-ispray u tal-VAT*" (fol. 20).

ii. **Walter Vella**, *surveyor* qal li huwa kien ezamina l-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni JBG-147. Qal li għall-ewwel kien għamel *survey* fuqha u imbagħad max-xogħol inqalgħu xi affarijiet oħra u saret korrezzjoni. Qal li għall-ewwel l-ispejjez kienu jammontaw għal €897.23c bil-VAT (ara dok. WV 1) u imbagħad sussegwentement wara li kienet saret il-korrezzjoni għal istess survey, dan l-ammont zdied b'€292 (ara dok. WV2). B'kollox €1,189.23c.

iii. **L-Avukat Dottor Kevin Mompalao** qal li kien kellmu r-rikorrenti sabiex jibgħat ittra lill-intimat dwar xi pendenzi li kien hemm. Huwa qallu li kien ser jibgħat għal intimat peress li kien jafu. Meta l-intimat mar għandu, huwa staqsieh jekk kellhux jagħti xi flejjes lir-rikorrenti u dan wiegbu fl-affermattiv. L-intimat qallu ukoll li r-rikorrenti kien għad fadallu jagħmillu xi haga oħra pero. Mistoqsi x'kienet din il-haga li r-rikorrenti kien għad fadal jagħmel, skont ma kien qallu l-intimat, l-Avukat wiegeb li "*illum ma niftakarx x'kienet din ix-xi haga*" (fol. 31). Huwa cempel lir-rikorrenti u infurmah b'dak li kien qallu l-intimat. Gara izda li l-intimat baqa ma marx biex ir-rikorrenti jagħmillu dak li kien qiegħed jgħid li kien jonqos li jsir u baqa ma ħallsux u għalhekk saret din il-kawza. Kompla jgħid li "*llum għalhekk kull ma baqa pendenti huwa l-ħlas tal-ispray li għamillu li ma kellux x'jaqsam mal-ħabta*" (fol. 32). Mistoqsi in kontro-ezami jekk l-intimat, meta kien kellmu, kienx qallu li r-rikorrenti ma kienx għamel xogħol sew u dan fis-sens li kien ħareg is-sadid, huwa wiegeb fin-negattiv. Qal ukoll li l-intimat kull ma qallu kienet li "*kien hemm xi haga li trid tittranga*" (fol. 32). Huwa ma eskludiex li l-intimat seta qallu li kien hemm xi biċċa sadid li trid tinqala.

iv. **L-intimat** qal li r-rikorrenti kien għamel xi xogħol fuq il-vettura tiegħu. Huwa qal li wara li r-rikorrenti kien irrangalu l-vettura, beda

hiereg is-sadid minn kullimkien wara ftit xhur. Huwa qal ukoll li minkejja li s-socjeta assikuratrici tat lir-rikorrenti l-affarijiet biex jaghmillu fil-vettura tieghu, dan baqa ma ghamilhomx. Semma l-kaz tad-Dinitrol. Qal li minhabba f'hekk beda johrog is-sadid fil-*parts* il-godda li kien biddel ir-rikorrenti kawza ta' l-incident awtomobilistiku. Apparti x-xoghol li kellu jaghmel minhabba l-habta, l-intimat kien inkariga lir-rikorrenti sabiex "*kien hemm daqqit wara, ghidtlu billi kienet taht idejh ikompli jirrangali n-nahhit ta' wara u l-bibien ta' wara*" (fol. 41). Mistoqsi jekk huwa kien hallas lir-rikorrenti ghal dan ix-xoghol zejjed, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi x'kienet ir-raguni ghal dan, huwa qal li "*ghax qatt ma rcivejt kont minghandu*" (fol. 41). Sussegwentement fuq mistoqsija tad-difensur tieghu dwar il-kwistjoni tas-sadid u jekk din kienetx trangat mir-rikorrenti, l-intimat qal li "*le. Dejjem kien jghidli issa ncempillek biex tigi u qatt ma rrangaha. Jien ghalhekk ma hallastux*" (fol. 41). Sahaq li lil Avukat Mompalao huwa dejjem qallu li "*jekk jittrangaw l-affarijiet, jien il-parti tieghi nhallasha*" (fol. 42). Qal li l-ammont li huwa ghandu jhallas ghax-xogholijiet zejda zgur li mhux daqs kemm baghtlu r-rikorrenti. In kontro-ezami huwa qal li jekk jittranga s-sadid li hemm fil-vettura u fir-*radiator* huwa jhallas il-kumplament. Aktar tard fid-deposizzjoni tieghu, l-intimat qal ukoll li l-*air condition* ma jahdimx minkejja li r-rikorrenti kien qallu li kien biddel il-pajpijiet u l-gas. Mistoqsi jekk l-affarijiet li inghataw lir-rikorrenti mis-socjeta ta' assikurazzjoni kienux godda jew inkellha *second hand* huwa qal li l-assikurazzjoni kienet qaltlu l-affarijiet li kien hemm godda. Mistoqsi jekk huwa qattx kiteb lir-rikorrenti b'dawn l-ilmenti li qieghed jaghmel, l-intimat wiegeb fin-negattiv, izda zied ighid li huwa kien mar ghandu u infurmah b'dan kollu u r-rikorrenti kien jwieghdu li kien ser icempillu sabiex jehodlu l-vettura u jirrangalu dawn l-affarijiet. Pero, kompla qal l-intimat, dan qatt ma cempillu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi okkazzjoni fejn huwa talab lir-rikorrenti sabiex jissprejja l-vettura minhabba xi *paint remover* li kien intefgha fuqha, huwa qal li dan ix-xoghol kien sar mir-rikorrenti qabel ma kien hadha

ghandu fuq din il-habta u li kien thallas tieghu. Dwar is-sadid, l-intimat qal li dan hareg fejn kien sar ix-xoghol zejjed mir-rikorrenti u fejn kien sar ix-xoghol li kopriet l-assikurazzjoni.

v. **Simon Paris**, *senior claims manager* mas-socjeta assikuratrici Argus Insurance qal li r-rikorrenti kien thallas l-ammont ta' €794.14c tax-xoghol li kien ghamel fis-16 ta' Ottubru, 2012. Ghar-rigward tal-parts li intuzaw fuq il-vettura, x-xhud qal li "*hafna mill-parts gew ordnati second hand jigifieri ghax karozza taqbez il-hames (5) snin. Issa jekk hu gab wahda (1) second hand jew gab wahda (1) imitation jew tawh wahda (1) originali ma nkunux nafu*" (fol. 55). Qal ukoll li r-rikorrenti kien inghata l-ammont ta' €12 ghall-*corrosion protection*. Il-bonnet li tqieghed fuq il-vettura tal-intimat kien wiehed *second hand* pero minkejja dan ir-rikorrenti xorta kellhu jaghmel x-xoghol biex ma jaghmilx sadid. Qal ukoll li jekk il-garaxx jkun approvat mill-assikurazzjoni, x-xoghol li jsir fuq il-vettura jkun kopert b'sena garanzija. Mistoqsi jekk il-garaxx tar-rikorrenti huwiex wiehed min dawn il-garaxxijiet approvati, x-xhud qal li ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb ghal din il-mistoqsija.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Permezz ta' nota mressqa fis-16 ta' Settembru, 2015 ir-rikorrenti naqqas l-ammont minnu reklamat ghal €542.80. Skont ir-rikorrenti, l-intimat kien talbu sabiex jizboghlu l-vettura "*minn nofsha lura u nohrog id-differenza*" (fol. 19). Ir-rikorrenti qal ukoll, wara li ra' d-dokument immarkat bhala dok. RT1 (fol. 16) li "*jiena ghax-xoghol ta' idejja u l-ispray tal-karozza qieghed nitlob l-ammont ta' erba' mija u sittin ewro (€460) flimkien mal-VAT fl-ammont ta' tnejn u tmenin ewro u tmenin centezmu (€82.80c). B'hekk l-ammont ta' hames mija tnejn u erbghin ewro u tmenin centezmu (€542.80c) dan huwa l-ammont minni reklamat f'dawn il-proceduri. B'hekk jiena kulma qieghed nitlob minghand l-intimat huwa, ghax-xoghol ta' idejja, tal-ispray u tal-VAT*" (fol. 20). L-intimat da parti tieghu qal li apparti x-xoghol li r-

rikorrenti kellu jaghmel minhabba l-habta, huwa kien inkarigah sabiex "*kien hemm daqqit wara, ghidtlu billi kienet taht idejh ikompli jirrangali n-nahhit ta' wara u l-bibien ta' wara*" (fol. 41). B'hekk jirrizulta li kien hemm xogholijiet zejda li r-rikorrenti kien gie mitlub jaghmel fuq il-vettura ta' l-intimat mill-istess intimat.

5. Meta l-intimat gie mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala huwa ma kienx hallas lir-rikorrenti ghal dan ix-xoghol zejjed, huwa qal li r-raguni ghal dan kienet l-ghaliex "*ghax qatt ma rcivejt kont minghandu*" (fol. 41). Sussegwentement fuq mistoqsija tad-difensur tieghu dwar il-kwistjoni tas-sadid u jekk din kienetx ttrangat mir-rikorrenti, l-intimat qal li "*le. Dejjem kien jghidli issa ncempillek biex tigi u qatt ma rrangaha. Jien ghalhekk ma hallastux*" (fol. 41).

6. Bhala hlasijiet li saru mis-socjeta assikuratrici ta' l-intimat kien hemm l-ammont ta' €794.14c (fol. 17). Skont is-survey reports, l-istima tax-xoghol kellu jkun ta' €897.23 (fol. 29) u €292 (fol. 30) b'kollox €1,189.23c. Pero ghar-rigward ta' din id-differenza ta' €395.09 ir-rikorrenti ma huwiex jaghmel talba. It-talba li qieghed jaghmel ir-rikorrenti hija ghal ammont ta' €542.80c ghal xoghol zejjed li r-rikorrenti kien ghamel fuq il-vettura ta' l-intimat, liema xoghol zejjed ma kellhu x'jaqsam ma dak indikat fis-survey reports hawn imsemmija.

7. Ghalhekk ir-raguni li jghati l-intimat ghala huwa ma kienx hallas ghal dan ix-xoghol zejjed kienet li r-rikorrenti ma kienx ghamillu xi xogholijiet zghar fuq il-vettura tieghu. Dawn ix-xogholijiet zghar kienu, li jitnehha s-sadid li kien hemm fil-vettura u fir-radiator kif ukoll li l-air condition ma kienx qieghed jahdem. Dwar il-kwistjoni tas-sadid, l-intimat qal li "*hemm fejn kien hemm il-habta u hemm fejn kien ghamel ix-xoghol extra*" (fol. 45). Dwar dan il-punt ukoll, Simon Paris, *senior claims manager* mas-socjeta assikuratrici Argus Insurance qal li hafna mill-parts kienu *second hand* pero huma kienu hallsu l-ammont ta' €12 ghall-*corrosion protection*. Di fatti jghid li l-bonnet li tqieghed fuq il-vettura tal-intimat kien wiehed *second hand* pero minkejja

dan ir-rikorrenti xorta kellhu jaghmel x-xoghol biex ma jaghmilx sadid. Meta l-intimat gie mistoqsi jekk huwa qattx kiteb lir-rikorrenti u ilmenta min dawn l-affarijiet li qieghed jilmenta minnhom issa, huwa wiegeb fin-negattiv, pero kien qallu verbalment. L-intimat esebixxa ukoll tlett (3) ritratti a fol. 51 sa 53 li juru l-parti ta' quddiem tal-vettura. Fihom verament jidhru tracci ta' sadid, pero kif diga inghad, x-xoghol li kellu jsir, skont is-survey reports ma kienx jinkludi spraying ta' quddiem tal-parti tal-vettura ta' l-intimat. Kien hemm il-hlas ta' €12 ghall-*corrosion protection*, pero dan ma jfissirx li kellu jinqatta s-sadid mis-*second hand parts* li kienu inghataw lir-rikorrenti mill-assikurazzjoni sabiex tittranga l-vettura ta' l-intimat. Dwar il-kwistjoni ta' l-*air conditioning*, ma ingiebet ebda prova mill-intimat li dan huwa minnu.

8. Anke ghar-rigward ta' l-allegazzjoni li saru xogholijiet mhux skont is-sengha u l-arti mir-rikorrenti ukoll ma gietx ippruvata fil-fehma tat-Tribunal. Kull ma intwera t-Tribunal kienu tlett ritratti li juru sadid. B'daqshekk biss ma hemm xejn x'jindika li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Dan kif jirrizulta mis-survey reports u mix-xhieda. Ghalkemm fis-*survey report* a fol. 29 hemm indikat *spray paint*, it-Tribunal qieghed jifhem li dan ix-xoghol kellhu jsir fuq il-*parts* li tbiddlu. It-talba pero hija ghar-rigward ta' xogholijiet zejda u mhux il-*parts* li tbiddlu. Fuq ix-xogholijiet zejda ma hemm xejn x'jindika li x-xoghol kien sar hazin, ghajr ghal istqarrija tal-intimat meta qal li "*hemm fejn kien hemm il-habta u hemm fejn kien ghamel ix-xoghol extra*" (fol. 45). Dwar dan l-ahhar punt pero, t-Tribunal jirrileva li ma tressqux provi mill-intimat.

9. Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat ghar-rigward tal-hlasijiet dovuti, t-Tribunal sejjer jichad din l-eccezzjoni anke l-ghaliex l-intimat qal li l-ammont li huwa ghandu jhallas ghax-xogholijiet zejda zgur li mhux daqs kemm baghtlu r-rikorrenti u kif ukoll in kontro-ezami huwa qal li jekk jittranga s-sadid li hemm fil-vettura u fir-*radiator* huwa jhallas il-kumplament. Ghalhekk, zgur li din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

10. Ghalhekk kollox ma kollox, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti ghandu ragun fit-talba tieghu u konsegwentement sejjer jghaddi biex jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Ghar-rigward ta' l-ammont ta' €542.80c, reklamat mir-rikorrenti, l-intimat, ghalkemm qal li huwa ma ghandux ihallas daqshekk, ma jispjega bl-ebda mod kif wasal ghal din il-konkluzzjoni. Ghalhekk, in vista ta' dan it-Tribunal sejjer joqghod fuq id-dokument esebit mill-istess rikorrenti a fol. 16 tal-process.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad it-tieni u r-raba eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-preskrizzjoni, qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti kif ridotta bin-nota tieghu tas-16 ta' Settembru, 2015 u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hames mija tnejn u erbghin euro u tmenin centezmi ta' euro [€542.80c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mis-16 ta' Settembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku ta' l-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**